**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
*Citta' Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 06/12 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 17/05/2012 fis-6.50pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti sad-8.45pm |
| Darmanin Richard | Preżenti mit-7.50pm sat-8.20pm |
| Fenech Stephanie | Preżenti sat-8.30pm |
| Hales Joseph | Preżenti |
| Pace Darrell | Preżenti mit-7.45pm |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Prezenti**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Principal Caroline Schembri

**06. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1 1 | | Proponent:Viċi-Sindku Sekondant: Fenech | **Il-Minuti 05/12 inqraw u ġew approvati nem.con b'dawn il-korrezzjonijiet:** | |
| | 05.2.11 | Qabel Triq San Alfonsu jidħlu l-kliem 'Triq Madonna tal-Ħniena k/m'. | | |
| | 05.8.8 | Minflok Triq is-Suq tidħol Triq Alfred Cachia Zammit. | | |
| 06. 1 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.1 | Sindku: Traffic Management Triq Strejnu - Proġett 313 Leader | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu ma ġiex iffirmat il-ftehim mal-Managing Authority tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. | Sindku |
| 06. 2. 1 i | 05.2.2 | Segretarjat: Financial Reports | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li r-rapporti finanzjarji daħlu kif stipulat quddiem l-NAO sat-2 ta' Mejju. It-tnaqqis ta' flus li kellna min-naħa tad-DLG dwar l-audit report 2010 ser jingħataw lura kif ġie komunikat f'email mill-istess dipartiment. **Hekk ġie konfermat li d-dewmien li kien hemm ma kienx tort tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 2. 2 | 05.2.3 | Hales: Rotta 210 | Hales informa l-Kunsill li għad hemm diżgwid jekk minn Ġebel San Martin hux ser tgħaddi 206 u/jew 210. Ser ikunu ikkuntattjati l-Arriva sabiex jiġi ċċarat għalfejn rotta 206 ser tieqaf Paola u mhux ser tieqaf ħdejn is-Super 1. Is-Sindku informa lill-Kunsill li tul il-gimgħa tal-festa, meta Misraħ Karlu Diacono ser ikun magħluq, il-karozzi tal-linja li jkunu ġejjin lejn iż-Żejtun, ser jgħaddu minn Triq President Anton Buttiġieġ għal San Girgor. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 2. 2 i 05.2.7.i | Viċi-Sindku: Skart | Il-Viċi-Sindku rrapurtat iż-żjara li saret fil-WasteServ fejn ġie spjegat fid-dettal il-proċess ta' l-iskart. Ġie konfermat li l-boroz il-griżi jiġu magħsura fl-iscammel, imbagħad dawn jinfetħu b'apparat apposta u l-iskart jintefa' fuq conveyor belt u jiġi magħżul. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa qed isir it-tqassim tal-boroz ħodor jew griżi. Il-Viċi-Sindku semmiet fejn hemm residenti li qed jabbużaw mis-sistema tat-tqassim tal-boroz reċiklabbli fejn dawn jirċievu l-avviż biex jiġbru l-boroz u xorta waħda jgħidu li ma rċevewhx jew inkella ma jsirx użu mill-boroz u jingħataw lil terzi persuni. Il-Viċi-Sindku staqsiet kemm ser jingħataw boroz il-ħwienet u l-każini. Is-Sindku talab sabiex din id-deċiżjoni titħalla għal aktar tard. | Viċi-Sindku |
| 06. 2. 3 05.2.9 | Hales: Ġnien Brejġu | Hales informa lill-Kunsill li s-siġra taż-żebbuġ mejta fi Ġnien Brejġu, inbidlet. | Hales |
| 06. 2. 4 05.2.10 | Viċi-Sindku: Xogħlijiet fil-komun | Il-Viċi-Sindku spjegat lill-Kunsill dwar l-iskema l-ġdida ta' l-Awtorita tad-Djar fejn issa ser tintalab stima għal kull blokk u l-amministraturi jingħataw il-flus. Il-Kunsill qabel li s-sistema tibqa' taħdem bħala sar preċedentement fil-blokki ta' Ħal Tmiem. | Viċi-Sindku |
| 06. 2. 5 05.2.12 | Sindku: Bozza fi Sqaq San Bastjan | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bozza bil-ħsara fi Sqaq San Bastjan, ġiet imsewwija. | Sindku |
| 06. 2. 6 05.2.13 | Camilleri: Triq Nikol Attard | Camilleri staqsa jekk ittieħditx azzjoni biex Triq Nikol Attard tingħalaq għat-traffiku min-naħa ta' Triq Bugħarbiel. Il-Viċi-Sindku spjegat li rappreżentanti tat-TM ittieħdu fuq il-post u qablu li din it-triq għandha tingħalaq. Is-Sindku talab sabiex ir-residenti ikunu mgħarrfa b'din il-proposta. | Sindku |
| 06. 2. 7 05.2.14 | Fenech: Attivitajiet Sportivi | Fenech infurmat lill-Kunsill li kien hemm 27 parteċipant li ħadu sehem f'attivitajiet sportivi. Ser issir sezzjoni ta' high ropes mill-KMS għall-prezz ta' Eur3 nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju. | Fenech |
| 06. 2. 7 i 05.2.16 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' flyer | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li t-tqassim tal-flyer tal-Kunsill ser isir tul il-weekend ta' 20 ta' Mejju. Is-Segretarjat qed jaħdem sabiex il-flyer tat-TCTC jitlesta mill-printing sabiex jitqassam mal-flyer tal-Kunsill. | Viċi-Sindku Segretarjat |
| 06. 2. 8 05.2.18 | Hales: Ġnien iċ-Ċrieki | Hales talab sabiex isiru żewġ imwejjed u bankijiet bħalma saru ħdejn CDCC. Din it-talba ġiet milqugħa. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2. | 9 | 05.2.19 | Sindku: Garmed project | Is-Sindku għarraf li l-proġett tal-Garmed sejjer tajjeb ħafna. Jonqos il-kompost u xi affarijiet oħra. Hales ġibed l-attenzjoni sabiex issir il-manutenzjoni tal-proġetti li jsiru mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li kemm ilu li l-Ministru tar-Riżorsi ħadilna żewġ ħaddiema dan sar diffiċli ferm. | |
| 06. | 2. | | 05.3.2 | Sindku: Attivitajiet mill-Għaqda Mużikali Beland | Is-Sindku spjega li l-permess li ta l-Kunsill sabiex isiru l-attivitajiet ta' l-Għaqda Mużikali Beland kienu għall-użu tal-post, b'kundizzjonijiet, fosthom li jridu joqgħodu għar-regolamenti tal-Pulizija u entitajiet oħra. Il-Kunsill ħareġ żewġ permessi ta' dan it-tip wieħed lill-Għaqda Banda Żejtun u ieħor lill-Għaqda Mużikali Beland. Ma kien hemm l-ebda tfixkil sabiex isiru dawn l-attivitajiet min-naħa tal-Kunsill.<br><br>Pace għarraf lill-Kunsill li kellem lid-Deputat Kummissarju Cachia dwar l-istorbju ikkawżat mill-istess attivita' sal-00.15am. Id-Deputat Kummissarju qal li l-Kunsill imissu rabat lill-Għaqdiet bit-tul tal-jiem u l-ħin. Is-Sindku spjega li dan jaqa' taħt ir-regolament tal-Pulizija. Darmanin spjega li kemm -il darba il-Kunsill tella' attivitajiet li ġew imwaqqfa mill-Pulizija fil-11pm.<br>Il-Viċi-Sindku spjegat li oriġinarjament il-permess mill-Għaqda Mużikali Beland kien intalab għal sena waħda biss. Is-sena l-oħra ukoll l-Għaqda kien intalbet iżżarma minħabba s-Suq. Għal din is-sena il-Kunsill żamm ma l-istess proċeduri/kundizzjonijiet tas-sena l-oħra.<br>**Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ stqarrija għall-istampa fejn il-Kunsill jiddikjara li l-problema tal-ħsejjes finalment taqa' f'idejn il-Pulizija u dwar iż-zarmar tas-Suq kien hemm ftehim minn qabel eżatt bħalma sar is-sena l-oħra.** L-organisers kienu kuntenti u żammew mal-ftehim mingħajr problemi. Dwar l-oġġezzjoni tar-resident is-Sur Emm. Mifsud li l-Kunsill xorta waħda hu marbut bil-liġi dwar il-kiosks u ħsejjes, naraw eżatt x'tgħid il-liġi. | |
| 06. | 2. | 10 | 05.3.9 | Sindku: Kwistjoni fuq bankina f'Misraħ Bandolier | Is-Sindku spjega li l-każ ser ikun investigat mill-MEPA. | |
| 06. | 2. | 11 | 05.3.10 | Fenech: Attivitajiet 25-27 ta' Mejju | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li l-youths@local ser jieħdu sehem fit-treasure hunt li ser issir is-Sibt fil-għodu. | Fenech |
| 06. | 2. | 12 | 05.3.11 | Camilleri: Korsijiet TCTC | **Il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż tal-printing tal-leaflet tat-TCTC.** | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2. | 13 | 05.7.1 | Sindku: Konferenza 05.05.12 | Is-Sindku rraporta dwar il-konferenza li saret nhar il-5 ta' Mejju ġewwa s-South Port M'Xlokk fejn ġie ppreżentat ir-rapport ta' sostenibilta' bil-kelliema li ħejjew ir-rapporti. Huwa xtaq li jkun hemm aktar preżenza tal-kunsilliera. Issa wasalna fil-fażi biex nippubblikaw ir-rapport. | Sindku |
| 06. | 2. | 14 | 05.8.2 | Camilleri: Librerija Pubblika | Il-Kunsill kien infurmat li x-xogħol fuq l-ixkaffar tal-librerija inbeda. | Camilleri |
| 06. | 2. | 15 | 05.8.3 | Segretarjat: Kompjuter, Microsoft Package | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-kompjuter inxtara u l-**Kunsill qabel li jixtri Microsoft Home & Business Package ieħor. Il-Kunsill qabel ukoll li jordna 2 units għall-uffiċini tal-Kunsill għall-prezz ta' Eur1,400.** | Segretarjat |
| 06. | 2. | 16 | 05.8.4 | Sindku: Devoluzzjoni ta' art f'Ġebel San Martin | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed issir ħidma mad-Dipt. Ta' l-Artijiet sabiex tiġi devoluta art f'Ġebel San Martin hekk kif spjegat fil-laqgħa preċedenti. Hemm probabilta' li jkun hemm dħul komuni kemm għall-individwu kif ukoll għall-Kunsill. | Sindku |
| 06. | 2. | 17 | 05.8.8 | Fenech: Ħanut fi Triq A. Cachia Zammit | Fenech staqsiet jekk sid il-ħanut ta' Triq A. Cachia Zammit ingħataw ir-risposta dwar l-ittra tiegħu li ġiet preżenta fil-laqgħa li għaddiet. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Segretarjat |
| 06. | 2. | 18 | 05.8.10 | Fenech: Futbol 15-17 | **Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra ta' awguri lit-tim tal-futbol 15-17 peress li dawn telgħu Section C. Il-Kunsill qabel ukoll li jibgħat ittra ta' awguri lil Raphael Camilleri, residenti f'Dar Jean Xavier li kiseb 4 medalji fit-tiġrijiet tal-persuni b'dizabilita' fl-Italja. Ser jintbagħtu l-awguri wkoll lil sitt żgħażagħ oħra mill-parroċċa li ħadu sehem b'suċċess f'Mammals in Concrete Cages.** | Segretarjat |
| 06. | 2. | 19 | 05.8.16 | Viċi-Sindku: Arriva | **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Arriva sabiex il-11 -il resident ta' Dar Nazzarett jibbenifikaw minn skema ta' trasport b'xejn li toffri l-istess kumpanija.** | Viċi-Sindku |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/12. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 01 | MEPA: PA1021/12 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA peress li dawn iż-żewġ żviluppi jinsabu fil-village core u għaldaqstant għandhom jikkumplimentaw il-karatteristika tal-post.** | |

| Referenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 2 | 15 | Direttorat għat-Tindif: Kuntratti | Peress li l-kuntratti tal-knis, gbir ta' bulky refuse u latrini ser jieqfu fil-31 ta' Lulju, il-Kunsill qabel li jitlob extension sa l-aħħar tas-sena. | Hales |
| 06. 3. 3 | 17 | Wirt iz-Zejtun: Attivita' 6 ta' Lulju | **Il-Kunsill qabel li l-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun ittella' attivita' fi Ġnien il-Kmandant nhar is-6 ta' Lulju.** | |
| 06. 3. 4 | 18 | Wirt iż-Żejtun: Simposju - Villa Rumana u l-inħawi | **Dwar is-simposju tal-Villa Rumana u l-inħawi, b'wirja b'oġġetti in konnessjoni bit-tagħsir taż-żejt fil-Juventutis Domus, il-Kunsill qabel li jitlob għal stima tal-pannelli informattivi biss.** | Sindku |
| 06. 3. 5 | 20 | G4S: Cash in transit service | **Il-Kunsill qabel li jkompli bis-servizz tal-kumpanija G4S għal cash in transit darba fil-ġimgħa għall-prezz ta' € 15.( eskluż VAT.** | Segretarjat |
| 06. 3. 6 | 21 | Segretarju Eżekuttiv: UPS Disposal | **Il-Kunsill approva d-disposal ta' ups peress li dan m'għadux jiffunzjona.** | Segretarjat |
| 06. 3. 7 | 23 | E. Vella: Reserved Parking fi Triq Madonna tal-Ħniena | **Il-Kunsill qabel li ssir reserved parking bay quddiem l-uffiċċju tas-sigurta' soċjali.** | Viċi-Sindku |

**06. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/12 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/12 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 i | 14 | Il-Kunsill ma approvax dan il-kont. Is-Segretarjat ser jikseb aktar informazzjoni dwr dan il-kont. | | |
| 06. 4. 2 ii | 25 | Ġie innutat li s-Sur Fenech ser jitħallas għal rapport li ħejja. | | |
| 06. 4. 2 iii | 35 | Il-Kunsill ser jivverifika l-kont ta' Leo Ironmongery rigward pompa ta' l-ilma. Għalissa l-kont mhux ser jitħallas. | | |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/12 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**06. 5.** **Kwotazzjonijiet: Solar Water Heater**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 5. 1 | ML06/12-24 | Sindku: Rapport | Is-Sindku ppreżenta l-kwotazzjonijiet li daħlu għall-installazzjoni ta' solar water heater fuq il-bini tac-Child Day Care Centre. **Il-Kunsill qabel li jieħu parir tekniku qabel jagħmel l-għażla.** | |

**06. 6.** **Proġett Public Private Partnership**

**Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6. 6. 1 | | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-wiċċ ta' triq fi Vjal 25 ta' Novembru (il-parti minn Misraħ Carlo Diacono sal-kantunieri ta' Triq il-Labour) ser jibdew wara l-festa tal-lokalita'. | Sindku |
| 6. 6. 2 | 05.5.1 | Sindku: Misraħ Indipendenza | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill ix-xogħlijiet li fadal isiru f'Misraħ Indipendenza:colour imprint fil-parti tan-nofs, LED lighting, 4 bankijiet mal-ġnub u wara jsir l-isqaq li minn Triq Sant'Anġlu jagħti għall-istess Misraħ. Dan ser isir bil-paving. Ser issir ukoll rampa. | Sindku |
| 6. 6. 3 | 05.5.1 | Sindku: Triq Santa Katarina | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Santa Katarina l-parti t'isfel tlesta. Saru wkoll ir-road markings. | Sindku |

**06. 7. Kuntratti: Parks & Gardens, Non Urban Roads**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 6. 7. 1 | | Hales: Rapport | Hales informa lill-Kunsill li l-kuntratti tal-ġonna u toroq mhux urbani ġew ppubblikati fil-gazzetta tal-gvern u fuq il-Malta Independent kif stipulat fil-liġi. Is-sejħiet jagħlqu fis-15 ta' Ġunju 2012. | Hales |

**06. 8. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 1 | | Camilleri: Merry go round fi Ġnien iż-Żgħożija | Camilleri staqsa jekk il-merry go round f'GSM ġietx irranġata. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Camilleri talab sabiex fejn hemm l-injam, dan jingħata l-cuprinol. Din it-talba ġiet milqugħa. Wille Piscopo talbet sabiex isiru xogħlijiet fuq il-bandli fi Ġnien san Girgor. | Sindku |
| 06. 8. 2 | | Sindku: Performance Bonus tal-ħaddiema tal-IPSL | Is-Sindku reġa' ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance bonus tal-ħaddiema ta' l-IPSL. Peress li d-dipartiment tal-Kunsilli Lokali ta struzzjonijiet lill-Kunsill li dan il-ħlas ma jistax isir, **il-kunsill qabel li jieħu parir ta' avukat**. | Sindku |
| 06. 8. 3 | | Fenech: Użu minn Ġnien San Girgor | Fenech fakkret lill-Kunsill dwar l-użu li ser issir minn Ġnien tal-Kunsill għal tieġ nhar it-2 ta' Ġunju. | Segretarjat |
| 06. 8. 4 | | Viċi-Sindku: Bozza ġdida fi Triq Toni Zahra | **Il-Kunsill approva li ssir bozza ġdida fi Triq Toni Zahra taħt is-Suq.** | Sindku |
| 06. 8. 5 | | Camilleri: Stop Signs fi Triq Toni Zahra | Camilleri staqsa meta ser isiru l-istop signs fi Triq Toni Zahra. Is-Sindku spjega li illum sar traffic management f'din iż-żona. | Sindku |
| 06. 8. 6 | | Darmanin: No parking fi Triq San Duminku | Darmanin informa lill-Kunsill li saru in-no parking lines fi Triq San Duminku li dawn inżebgħu minn individwu kif jidhru r-ritratti preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. | Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 8. | 7 | Wille Piscopo: Bollards fi Triq Connaught | Il-Kunsill laqa t-talba għal bollards fi Triq Connaught peress li qed jitilgħu l-karozzi fuq il-bankina. | Sindku |
| 06. | 8. | 8 | Pace: Laqgħa mal-Pulizija | Pace irraporta l-laqgħa li attenda mal-pulizija fejn din kienet titratta t-tema tad-droga. Ser isiru laqgħat oħra ta' dan it-tip flimkien mal-pulizija b'temi differenti. Is-Sindku spjega li ser issir laqgħa oħra nhar il-25 ta' Mejju. | Sindku |
| 06. | 8. | 9 | Seychell: Proġett Garmed | Seychell staqsa x'inhu l-proġett Garmed. Is-Sindku spjega li Garmed tfisser Gardens of the Mediterranean. Assoċjazzjoni megħjuna mill-UE qed tmexxi dan il-proġett. Il-Professur Buhagiar f'isem l-Universita' ta' Malta li qed imexxi dan il-proġett inkluda wkoll Ġnien il-Kmandant li hu wieħed botaniku. | Sindku |
| 06. | 8. | 10 | Viċi-Sindku: Tfal Jadottaw Anzjan | **Il-Kunsill approva li l-proġett Tfal Jadottaw Anzjan ikun estiż għall-Skola Primarja A.** | Viċi-Sindku |
| 06. | 8. | 11 | Viċi-Sindku: Active Ageing | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tintbagħat korrispondenza lill-Ministeru ta' l-Anzjani peress li ma konniex mistednin għall-launching tal-proġett meta intuża materjal tal-Kunsill. Saħansitra l-Kunsill ma kienx mistieden sabiex ipoġġi fuq quddiem. Is-Segretarjat spjega li diġa' intbagħtet korrispondenza u l-Ministeru qal li l-invit intbagħat fuq l-email personali tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju spjega li kieku dan irċevieh, kien jgħaddih lill-Kunsill. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.30pm Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Ġunju, 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv